**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 14 ta' Dicembru, 2015**

**Talba Nru: 711/2015 DMA**

**GO plc**
**C 22334**

**Vs**

**Von Brockdorf Miriam Karin Henriette**
**ID. 19363A**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-1 ta' Settembru, 2015 fejn is-socjeta' attrici talbet illi l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mitt ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€500.21) liema ammont huwa in konnessjoni ma' servizz ta' fuq telefon bin-numru A/C 40106570 moghti mis-socjeta' attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati:

- Dok IZY1 u Dok IZY2 – prospett u ftehim ghall-akkont bin-numru A/C 40106570;
- Dok IZY3 – estratt mir-Registru tal-Kumpaniji;
- Dok IZY4 – kopja ta’ ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi ‘l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjanti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra ‘l- konvenuta, bl-ingunzzjoni tal-konvenuta in subizzjoni.

Il-konvenuta debitament notifikata baqghat ma dehritx u lanqas ipprezentat risposta ghat-talba mitluba kontriha.

Dehret Dr Ingrid Zammit Young ghas-socjeta' attrici li ‘kkonfermat bil-gurament taghha li l-ammont ta’ hames mitt ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€500.21) ghadu dovut.

It-Tribunal huwa sodisfatt illi l-ammont mitlub huwa dovut. Ghalhekk jilqa' it-talbiet attrici u jikkundanna l- konvenuta thallas l-ammont ta’ hames mitt ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€500.21) bl-imghax legali mid-data tal-prezentata, sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza  jkunu a karigu tas-socjeta’ konvenuta.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**